# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/716

**tad-9 ta' Frar 2021**

**li jemenda l-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-regoli tal-produzzjoni organika li japplikaw għaż-żrieragħ imnibbta u l-irjus taċ-ċikwejra, għall-għalf ta' ċerti annimali tal-akkwakultura u għat-trattamenti fl-akkwakultura kontra l-parassiti**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(2)(a) u l-Artikolu 15(2)(b) u (c) tiegħu,

Billi:

(1) Reċentement, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2020/427 ([2]) emenda l-punt 1.3 tal-Parti I tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 rigward iż-żrieragħ imnibbta organiċi biex ikun żgurat li dawn jiġu prodotti minn żrieragħ organiċi. Billi ż-żrieragħ imnibbta jinkludu n-nebbieta, ir-rimjiet u l-krexxuni ([3]), li huma kapaċi jinbtu bl-użu tar-riżervi li fihom iż-żrieragħ biss, jenħtieġ li jintuża biss l-ilma għall-produzzjoni organika. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi ċċarat li d-deroga mill-kultivazzjoni fil-ħamrija għaż-żrieragħ imnibbta hija limitata għat-tniddija taż-żrieragħ, u jenħtieġ li jiġi ddikjarat b'mod espliċitu li l-użu ta' materjal għat-tkabbir mhuwiex permess, ħlief jekk jintuża materjal għat-tkabbir inert li jżomm iż-żrieragħ niedja, meta l-komponenti ta' dak il-materjal inert ikunu awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2018/848.

(2) Fir-rigward tal-irjus taċ-ċikwejra, iċ-ċiklu tal-produzzjoni speċifiku jista' jkun magħmul minn żewġ fażijiet, waħda fil-ħamrija u waħda msejħa l-"fażi ta' sfurzar", li tista' ssir fil-ħamrija, iżda tista' ssir ukoll fl-ilma jew fis-sottostrati. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi ċċarat li d-deroga mill-kultivazzjoni fil-ħamrija għall-irjus taċ-ċikwejra tinkludi t-tgħaddis f'ilma ċar u li l-użu ta' materjal għat-tkabbir huwa permess biss meta l-komponenti tiegħu jkunu awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2018/848.

(3) L-Artikolu 25l(3)(b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 ([4]) ippermetta li l-kolesterol organiku jintuża biex jissupplimenta l-għalf naturali fl-istadju tat-tismin u fl-istadji bikrin tal-ħajja tal-gambli tal-familja *Penaeidae* u tal-gambli tal-ilma ħelu (*Macrobrachium* spp.). Għalhekk jeħtieġ li tiġi prevista s-supplimentazzjoni tal-għalf bil-kolesterol organiku għal dawk il-gambli u l-gambli l-kbar fil-punt 3.1.3.4 tal-Parti III tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848.

(4) Fl-2019, meta kienu qed jiddiskutu l-abbozz tar-Regolament Delegat (UE) 2020/427, xi Stati Membri talbu r-reviżjoni ta' regoli oħra relatati mal-akkwakultura organika. Il-grupp ta' esperti għall-pariri tekniċi dwar il-produzzjoni organika (EGTOP) stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2017/C 287/03 ([5]) ivvaluta dawk it-talbiet. Filwaqt li qieset il-konklużjonijiet tal-EGTOP ippubblikati ([6])f'Jannar tal-2020, il-Kummissjoni identifikat il-ħtieġa li jiġu aġġornati r-regoli eżistenti għall-produzzjoni tal-annimali tal-akkwakultura b'mod partikolari rigward it-trattamenti veterinarji.

([1]) ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/427 tat-13 ta' Jannar 2020 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' ċerti regoli ta' produzzjoni dettaljati għall-prodotti organiċi (ĠU L 87, 23.3.2020, p. 1).

([3]) Deskrizzjoni taċ-ċikli tal-produzzjoni tagħhom fl-Opinjoni Xjentifika tal-EFSA EFSA Scientific Opinion on the risk posed by Shiga toxin-producing Escherichia coli (STEC) and other pathogenic bacteria in seeds and sprouted seeds – EFSA Journal 2011;9 (11): 2424. [101 pp.]. doi:10.2903/j.efsa.2011,2424.

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 tal-5 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi fir-rigward tal-produzzjoni, it-tikkettar u l-kontroll organiku (ĠU L 250, 18.9.2008, p. 1).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Awwissu 2017 li taħtar il-membri tal-grupp għal pariri tekniċi dwar il-produzzjoni organika u tfassal il-lista ta' riżerva (ĠU C 287, 30.08.2017, p. 3).

([6]) Rapport finali tal-EGTOP dwar l-Akkwakultura IV — 13 ta' Diċembru 2019

(5) Minkejja r-rekwiżiti relatati mal-prevenzjoni tal-mard, bħar-rakkomandazzjoni għall-kontroll bijoloġiku tal-parassiti bi preferenza bl-użu ta' ħut aktar nadif u b'soluzzjonijiet tal-ilma ħelu, tal-ilma baħar u tal-klorur tas-sodju, bħalissa huwa permess għadd limitat ta' trattamenti, f'każ ta' okkorrenza severa ta' parassiti, fuq bażi ġenerali għall-ispeċijiet kollha. Abbażi tal-konklużjonijiet tal-EGTOP imsemmija hawn fuq, jixraq li jiġu emendati d-dispożizzjonijiet attwali dwar it-trattamenti kontra l-parassiti stabbiliti fil-punt 3.1.4.2. tal-Parti III tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 bl-introduzzjoni ta' approċċ aktar speċifiku għall-ispeċijiet biex jiġu indirizzati aħjar il-ħtiġijiet tal-annimali tal-akkwakultura mingħajr ma tiġi kompromessa n-natura organika tal-produzzjoni.

(6) B'mod partikolari, fid-dawl tal-varjazzjoni fit-tul taċ-ċikli tal-produzzjoni tal-ispeċijiet, għajr tas-salamun, u minħabba l-potenzjal li jokkorru l-parassiti fil-ħut mhux matur, flimkien mat-tendenza li l-operaturi jipposponu kemm jista' jkun kull kors ta' trattament minħabba l-limitu tal-frekwenza tagħhom, fl-ewwel sena taċ-ċiklu tal-ħajja, ġiet irrapportata rata għolja ta' mortalità tal-ħut żgħir u tal-frieħ. Għalhekk, għal speċijiet oħra għajr is-salamun, jixraq li l-frekwenza u l-għadd massimu ta' trattamenti bil-parassiti jiġu allinjati mal-limiti ta' frekwenza stabbiliti għall-prodotti mediċinali veterinarji allopatiċi sintetizzati kimikament biex ikunu jistgħu jintervjenu meta jkun verament meħtieġ u biex tiġi evitata mortalità għolja fl-ewwel stadji taċ-ċiklu tal-ħajja.

(7) Rigward is-salamun, meta wieħed iqis it-tul taċ-ċiklu tal-produzzjoni u l-ħtieġa li jiġi ggarantit li ma jkunx hemm qamel tal-baħar fil-perjodu li l-ħut jagħmel fl-ilma ħelu, jenħtieġ li jinżammu l-limiti tal-frekwenza attwali u l-għadd massimu ta' korsijiet għat-trattamenti kontra l-parassiti.

(8) Barra minn hekk, huwa importanti li jiġu ċċarati d-dispożizzjonijiet attwali, billi jiġi stabbilit limitu ġenerali ċar għall-għadd massimu ta' trattamenti kontra l-parassiti li jistgħu jiġu amministrati, irrispettivament mill-ispeċijiet ikkonċernati.

(9) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 jiġi emendat skont dan.

(10) Fl-interess taċ-ċarezza u taċ-ċertezza tad-dritt, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/848,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Frar 2021.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

L-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-Parti I, il-punt 1.3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.3. B'deroga mill-punt 1.1., għandhom ikunu permessi dawn li ġejjin:

(a) il-produzzjoni taż-żrieragħ imnibbta, li jinkludu n-nebbieta, ir-rimjiet u l-krexxuni li jgħixu biss fuq ir-riżervi nutrittivi li hemm fiż-żrieragħ, billi jitniddu bl-ilma ċar, dment li ż-żrieragħ ikunu organiċi. L-użu ta' materjal għat-tkabbir għandu jkun ipprojbit, minbarra jekk jintuża l-materjal inert maħsub biss biex iżomm iż-żrieragħ niedja, meta l-komponenti ta' dak il-materjal inert ikunu awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 24;

(b) il-kisba tal-irjus taċ-ċikwejra, inkluż billi jitgħaddsu f'ilma ċar, dment li l-materjal riproduttiv tal-pjanti jkun organiku. L-użu ta' materjal għat-tkabbir għandu jkun permess biss meta l-komponenti tiegħu jkunu awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 24.".

(2) Il-Parti III hija emendata kif ġej:

(a) jiżdied il-paragrafu li ġej fil-punt 3.1.3.4.:

"Fil-fażi tat-tismin u fl-istadji bikrin tal-ħajja fl-għadajjar tat-trobbija u fl-imfaqas, il-kolesterol organiku jista' jintuża biex jissupplimenta d-dieti tal-gambli tal-familja *Paenaeidae* u tal-gambli tal-ilma ħelu (*Macrobrachium*, spp), sabiex tiġi ssodisfata l-ħtieġa alimentari kwantitattiva tagħhom.";

(b) fil-punt 3.1.4.2, il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) l-użu ta' trattamenti kontra l-parassiti, għajr permezz ta' skemi obbligatorji ta' kontroll imħaddma mill-Istati Membri, għandu jkun limitat kif ġej:

(i) għas-salamun, sa massimu ta' żewġ korsijiet ta' trattament fis-sena, jew kors wieħed ta' trattament fis-sena meta ċ-ċiklu tal-produzzjoni jkun inqas minn 18-il xahar;

(ii) għall-ispeċijiet kollha għajr is-salamun, żewġ korsijiet ta' trattament fis-sena, jew kors wieħed ta' trattament fis-sena meta ċ-ċiklu tal-produzzjoni jkun inqas minn 12-il xahar;

(iii) għall-ispeċijiet kollha, mhux aktar minn erba' korsijiet ta' trattament b'kollox, irrispettivament mit-tul taċ-ċiklu tal-produzzjoni tal-ispeċi;".